MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2004

Citazzjoni Numru. 71/2003

Edwige Kelly armla ta' Michael Desmond .

VS

Id-direttur tar-Registru Pubbliku ghal Ghawdex .

Il-Qorti ,

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha, l-attrici wara li ppremettiet illi :

L-att ta' twelid numru mitejn u sitta u hamsin tas-sena elf disa' mija u hamsin (156/1950) datat hamsa u ghoxrin ta' Marzu ta' dik is-sena relattiv ghat-twelid ta' l-attrici (dokument A) huwa skorrett billi fil-parti relattiva ghat-"Taghrif dwar it-Tarbija" fil-kolonna intestata "Ismijiet moghtija" u "Isem jew ismijiet li bieh/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha" l-isem hemm indikat bhala "Edwich" huwa skorrett u minflok ghandu jkun "Edwige" .

Illi l-attrici ilha minn twelidha maghrufa b'dan l-isem, u dan huwa l-isem moghti lill-attrici anki fil-maghmudija taghha kif jidher mic-certifikat mahrug mill-Parrocca ta' San Gorg hawn anness Dokument B u mill-passaport taghha, li kopja tieghu hawn anness Dokument C .

Illi l-attrici trid li dan l-att jigi korrett .

Talbet lill-konvenut jghid ghaliex ma ghandhiex din l-Onorabbli Qorti :

1. Previa d-dikjarazzjoni li l-Att tat-Twelid tal-attrici numru mitejn u sitta u hamsin tas-sena elf disa' mija u hamsin (256/1950) huwa skorrett, tordna l-korrezzjoni ta' l-istess billi fil-parti relattiva ghat-"Taghrif dwar it-Tarbija" fil-kolonna intestata "Ismijiet moghtija" u "Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha" l-isem hemm indikat bhala "Edwich" jigi sostitwit bl-isem "Edwige" kull fejn jirrikorri .

Bl-ispejjez .

Il-konvenut mharrek ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa qieghed jigi ngunt .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-attrici kkonfermata bil-gurament taghha .

Rat ukoll id-dokumenti annessi ma' l-istess citazzjoni, u cioe' bhala dokument A, l-att tat-twelid li jgib in-numru mitejn u sitta u hamsin tas-sena elf disa' mija u hamsin (256/1950); bhala dokument B, certifikat tat-twelid mahrug mill-parrocca ta' San Gorg, u bhala dokument C, kopja tal-passaport ta' l-attrici .

Rat ukoll in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li permezz taghha eccepixxa :

1. Illi huwa ma hux edott mill-fatti kif esposti mill-attur nomine ;

2. Illi ghal hekk jirrimetti ruhu ghad-decizjoni tal-Qorti salv li l-provi migjuba mill-attrici jkunu sodisfacenti u korretti skond il-ligi ;

3. Illi l-ispejjez kollha tal-kawza ghandhom jigu sofferti interament mill-attrici u f'kull kaz id-direttur ma ghandux ibati spejjez .

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenut ikkonfermata bil-gurament ta' Dr. Marlin Vella .

Rat ukoll id-depozizzjoni ta' l-attrici, moghtija fit-tlettax (13) ta' Awissu, tas-sena elfejn u tlieta (2003) quddiem l-assistant gudizzjarju ta' din il-Qorti .

2. Il-Qorti wara li ezaaminat dawn id-dokumenti u x-xhieda ta' l-istess attrici, u peress illi jirrizulta evidentement illi l-isem "Edwich" kif imnizzel fic-certifikat tat-twelid ta' l-attrici huwa zball tal-kitba, u ghal hekk it-talba ta' l-attrici hija gustifikata, tiddecidi l-kawza billi tilqa' l-istess talba attrici, tiddikjara li l-att tat-twelid ta' l-istess attrici li jgib in-numru mitejn sitta u hamsin tas-sena elf disa' mija u hamsin (256/1950) huwa skorrett, tordna l-korrezzjoni ta' l-istess certifikat, billi fil-parti relattiva ghat-"Taghrif dwar it-Tarbija" fil-kolonna intestata "Ismijiet moghtija" u "Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha" l-isem hekk indikat bhala "Edwich" jigi sostitwit bl-isem "Edwige" kull fejn jirrikorri .

Minhabba n-natura ta' din il-kawza ma ghandux ikun hemm spejjez .

Tordna notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku ghal Ghawdex .

S7103Pc

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------